MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 135/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Anthony Galea**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ Jannar, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm352.42) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9947 6281.

Bl-ispejjez u bl-interessi inluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament .

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm352.42), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sad- data tal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------